# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru 2021**

**Rikors nru: 261/2007 AGV**

**AB**

**Vs**

**Dr. CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' Dr CB datat 31 ta' Awwissu 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-verbal tal-ahhar seduta u cjoe dik tat- 18 ta' Mejju 2021, fost affarijiet ohra jaqra hekk ;

'Dr Sarah Grech tirrileva illi in vista tas-sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell, f' dil-kawza f' dan l-istadju dil-Qorti kif preseduta tista' tghaddi biex tippronunzja ruhha dwar it-talba ta' CB biex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn

il-kontedenti u dan anka f’ dal-istadju pendenti lite skont l-artikolu 55 tal-kap. 16’

Illi ghad li l-esponenti jidhirilhom li waqt is-seduta kien inghad li l-kawza se tithalla fost affarijiet ohrajn ghal dal-iskop, dan fil-fatt ( forsi bi zvista ) mhux rifless fil-verbal tal- 18 ta’ Mejju 2021, u fil-fatt minn qari tal-verbal in kwistjoni jirrizulta li l-kawza thalliet ghall- kontinwazzjoni tal-kontroezami tal-attrici izda ma jinghadx expressis verbis li l-kawza qed tithalla ukoll ghal sentenza dwar tali talba ghal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, b’ ordni pendente lite;

Illi skont sub artikolu (2) tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 , l-ordni pendente lite tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tinghata b’ sentenza;

Illi ghalhekk anke b’ rispett lejn id-drittijiet procedurali tal-kontroparti ghal smiegh xieraq, inkluz li l-partijiet kienu infurmati minn qabel bid-data meta ser tinghata xi decizjoni, b’ sentenza dwar talba maghmula minn wahda mill-partijiet, l-esponenti hass li jkun ghaqli li jintavola l-prezenti rikors, fejn igedded it-talba tieghu maghmula waqt l-ahhar seduta biex hekk ukoll ikun jista’ jinghata digriet relattiv u jigi indikat jekk din il-Qorti hix sejra tghaddi fis-seduta li jmiss biex tippronunzja ruhha fuq it-talba tar-rikorrenti dwar il-waqfien tal-komunjoni;

Illi l-esponenti jirrileva illi bil-waqfien tal-komunjoni f’ dal-istadju ebda parti ma hi sejra tbati minn xi pregudizzju kif fil-fatt il-kontro-parti ma sehhilhiex turi li sejra tbati xi pregudizzju sproporzjonat ;

Illi l-partijiet ormai ilhom separati de facto u ghalhekk certament li ma jaghmilx sens li l-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti bejniethom ultejorament ;

Illi l-esponenti jaghmel refenza ghas-segwenti principji applikabbli f' materja ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, kif ben elenkati minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta f' sentenza tal- 5 ta' Dicembru 2018, fl-ismijiet ***Francis Pisani vs Jacqueline Pisani ;***

Bhala regola il-Qorti ghandna ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti salv ghal dawk il-kaz eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat li l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew ohra. Ezami tal-Artikolu 55 (4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b' opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati ' pregudizzju mhux proporzjonat '. Dana gie ritenut fil-kawza Jael Cassar vs Robert Cassar.

Il-pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-Gurisprudenza taghna li min jallega irid jipprova, ossija illi l-oneru tal-prova incumbit ei qui non eu qui negat.

It-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti qabel l-gheluq tal-gbir tal-provi, bl-ebda mod ma tippregudika l-fakolta' tal-parti., li jressqu l-provi dwar il-konsistenza taghha qabel ma giet xolta. Illi ghalhekk jekk ir-rikors odjern jigi akkolt, dan ma jaffettwax id-dritt tal-konvenuta illi tressaq il-provi li tixtieq dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom sal-mument tat-

terminazzoni taghha. Ghalhekk jekk il- komunjoni tal-akkwisti, tigi mwaqqfa, il-gbir tal-provi dwar l-aspett patrimonjali tal-kawza ma jigix affettwat stante li mas-sentenza finali l-Qorti tkun tehtieg illi tillikwida l-istess komunjoni u tassenjaha skont il-ligi bejn il-partijiet.

Dak li sal-lum huwa formanti parti mil-komunjoni ser jibqa hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-propjetajiet tal-partijiet. Ghaldaqstant dak kollu illi jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti , ser jibqa' hekk jappartjeni lill-istess komunjoni, irrispettivament minn min mill-partijiet ghandu l-pusess ta' dal-oggetti.

Li parti f' separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-hidma jew tal-assi li tappartjeni lil-parti l-ohra, mhux pregudizzju izda l-konsegwenza naturali tal-firda. Huwa principju fl-ambitu u fl-iskop tal-Ligi, li l-hajja mizzewwga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor.

Huwa fl-interess taz-zewg partijiet, illi ma jghabbux il-komunjoni bi djun minghajr il-konsepevolezza tal-parti l-ohra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-appell kawza Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, 257/2011, Qorti tal-Appell Superjuri, 28 ta' Marza 2014, it-terminazzjoni tal-komunjoni igib beneficcju in kwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li ' l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

Ghladaqstant l-esponenti qed umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti, sabiex joghgobha ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet u tordna li l-kawza odjerna tithalla ghall-iskop li fis-seduta li jmiss tinghata decizjoni fuq it-talba odjerna.

**Il-Qorti rat ir-risposta** tal-attrici (ghar-rikors tal-konvenuta tal-31 ta' Awwissu 2021), fejn tesponi reverentement;

Illi l-esponenti qeghda topponi t-talba mressqa mill-konvenut bis-sahha tal-imsemmi rikors sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti vigneti bejn il-partijiet u tordna li l-kawza odjerna tithalla wkoll ghall-iskopp li fis-seduta li jmiss tinghata decizjoni fuq it-talba odjerna ghas-segwenti motivi:

i) Illi fir-rikors tieghu, il-konvenut huwa siket dwar l-interess gjuridiku tieghu fit-talba li qieghed jaghmel. Illi huwa insolitu illi parti taghmel rikors minnghajr ma tgharraf lil Qorti ghalfejn qeghda titlob dak li effettivament qieghed jigi mitlub. Jekk wiehed jezamina l-atti ta' din il-kawza isib illi konxju tal-fatt illi l-provi dwar l-assi tieghu ma humiex migbura, il-konvenut irid illi l-kommunjoni tal-akwisti tigi xolta **qabel** ma jingabru dawn il-provi b' mod illi huwa jkun jista', wara tali terminazzjoni, jibda jgawdi dan il-gid apertament.

ii) Skont il-Ligi dik it-talba tigi milqugha jekk kemm-il darba l-parti li qeghda topponi ghalija, ma turix illi jekk it-talba tintlaqa hija tbati minn "pregudizzju mhux proporzjonat". Illi l-oneru illi dan jigi muri jirrisjedi fuq min jallegah skont il-principju *incumbit ei qui dicit*.

iii) Illi l-kliem tal-legislatur "pregudizzju mhux proporzjonat" huma kliem li jintuzaw biss fis-subinciz 4 tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kull Qorti ghandha ghalhekk tqis it-tifsir ta' dawk il-kliem fid-dawl tan-natura partikolari tar-rimedju offert u fl-isfond tal-kondizzjoni tal-partijiet fil-mument illi ssir it-talba. Ghaldaqshekk is-segwenti huwa, fil-fehma umili tal-esponenti, ta' rilevanza kbira;-

a. Jigi rilevat illi sallum ghadhom ma tressqux il-provi kollha dwar il-konsistenza tal-gid komuni. Il-gbir ta' dawn il-provi huwa mfixkel minn diversi fatturi lkoll orkestrati mill-istess konvenut. Il-fatt illi ma jkunux ghadhom inghalqu dawn il-provi jinghata piz mill-Qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta' talbiet simili.

b. Illi ghalhekk l-esponenti qeghda tipprova, b' din il-kawza u bil-ftit mezzi li ghandha ghad-dispozizzjoni taghha, illi tigbor minnghand avversarju reticenti jew minnghand persuni qrib tieghu – taghrif propju dwar l-assi illi l-konvenut qieghed jaghmel minn kollox biex jahbi.

c. Illi bhal ma huwa risaput il-konvenut **<u>naqas milli jattendi ghall-udjenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti u ghas-seduti peritali ghal diversi snin minhabba l-assenza tieghu minn Malta</u>** u beda jattendi ghall-udjenzi biss meta gie migjub lura Malta b'mandat t'arrest. Illi f'dan iz-zmien il-konvenut qatt ma ta ebda taghrif dwar id-dhul u l-mezzi tieghu. It-taghrif miksub sa issa mill-esponenti minnghand is-siehba tal-konvenut ma jikkonformax mar-realtajiet tal-hajja lussuza tal-konvenut.

iv) Illi huwa car illi l-legislatur ma jridx illi l-habi u t-tfixkil ta' parti konvenuta illi tikkontrolla l-gid kommuni jigi premjat bil-mod implicitu fir-rimedju mitlub. L-uzu tal-kliem "pregudizzju mhux proporzjonat" mill-legislatur huwa ghalhekk ta' piz. Dawn il-kliem ma humiex intizi bhala definizjoni tal-kobor jew tal-gravita' tal-pregudizzju – ghad illi fil-kaz odjern il-pregudizzju soffert ikun enormi izda tal-proporzjonalita tal-preguzzju. L-unika proporzjonalita' ta' interess ghal legislatur hija dik bejn il-kontendenti nfushom. Huwa ghalhekk car illi l-legislatur jrid illi r-rimedju illi jinghata jkun ekonomikament newtrali bejn l-istess partijiet mizzewga u ma jwassalx biex il-parti illi jkollha interess illi taghmel dik it-talba tigi vantagjata mill-eventwali digriet tal-Qorti a skapitu tal-parti l-ohra.

v) Huwa car illi fil-kaz odjern jekk din it-talba tintlaqa, l-esponenti sejra tigi enormament u sproporzjonatament zvantaggjata.

vi) Il-pass li jmiss f' dan il-process ta' "*gas lighting* gudizzjarju" ikun meta tigi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti, kif irid il-konvenut, u l-konvenut f' salt wiehed jakkwista gid kbir minn xi xoghol inezistenti ta' konsulenza li huwa jaghmel ghal xi klijenti intraccabbli.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi b'rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap, il-konvenut qed jitlob li r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet jitwaqqaf. Dan essenzjalment ifisser li mid-data tas-sentenza in parte 'l quddiem, il-partijiet ma jibqghux marbuta bil-komunjoni, izda jkunu jistghu jixtru u jakkwistaw proprjeta' f'isimhom. Dan ma jfissirx, pero', li l-proprjeta' li sa dakinhar tifforma parti mill-komunjoni tigi b'xi mod imnaqqsa. Dik il-proprjeta' ghandha tibqa' hekk mizmunma f'sehem wiehed u shih sa ma tigi likwidata l-istess komunjoni fis-sentenza finali.

Huwa f'dan id-dawl, ghalhekk, li l-Qorti ghandha tezamina l-oggezzjoni li giet sollevata mill-attrici ghal din it-talba. L-oggezzjoni hija bbazata fuq il-principju li tali waqfien tista' tohloq pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess attrici. Dan hu spjegat fid-dettall minnha fir-risposta taghha. Di fatti, talbiet bhal dawn mhux dejjem jintlaqghu mill-Qorti. Hija d-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddetermina jekk tali talba timmeritax li tigi milqugha jew le. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal sentenzi tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward.

Hekk, pre ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet "Asciak Ronald v. Asciak Antonia", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2019, dik il-Qorti, fost konsiderazzjonijiet ohra, qalet hekk:

> *"Ghal dak li huma osservazzjonijiet ta' natura guridika din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-principji legali u gurisprudenzjali migbura fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet: App.C* ***Daniela Mizzi v. Duncan Mizzi*** *deciza fit-28 ta' Marzu 2014; App.C* ***Pierre Darmanin v. Louise Darmanin*** *deciza fl-14 ta' Marzu 2019 u App. Civ. 177/15 App.C* ***Dorianne Sammut v. Carmelo Sammut*** *deciza fil-31 ta' Mejju 2019.*
>
> *Fil-mertu din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.*

*Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat* ***"Fuq l-Atti Kawtelatorji"*** *jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

*Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment fil-manteniment jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.*

*Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet Ii "hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju" u ghax "ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."*

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Spiteri Elizabeth vs Spiteri Carmelo, deciza fl-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li, dak sostnut mill-attrici li l-waqfien tal-kommunjoni that l-artikolu 55[1] u allura qabel l-ghoti tas-sentenza finali huwa minnu innfisu pregudizzjevoli ghall-parti tant li hemm dritt awtomatiku ta' appell minghajr il-permess tal-ewwel Qorti, mhuwiex guridikament korrett. Fl-ewwel lok jinghad li l-ewwel Qorti, salv ghal dak li jghid is-subinciz 4, ghandha diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba jew le li jfisser li, jekk dik il-Qorti tara li xi parti ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat, tista' ma tilqax it-talba. Inoltre, id-dritt ta' appell minghajr il-htiega tal-permess tal-ewwel Qorti, ma jimmilitax kontra l-dak li intqal fuq, ghax dan hu dritt li l-legislatur ried jassikura lil kull parti li thossha milquta sfavorevolment minn dik is-sentenza parzjali minkejja li l-proceduri tas-separazzjoni, li f' certu kazijiet jiehdu tul ta' zmien biex jigu konkjuzi, ikunu ghadhom ghaddejjin. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-waqfien tal-kommunjoni "huwa minnu innifsu pregudizzjevoli" b'mod li f'kull kaz m'ghandux jinghata. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tieni aggravju, din il-Qorti tissenjala li s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien. Ghalhekk d-diffikulta' li qed tilmenta minnha l-attrici li b' tali ordni jkun*

*aktar difficli ghaliha li tistabbilixxi l-kontenut tal-kommunjoni tal-akkwisti, hija estranea ghall-proceduri in dizamina. L-attrici dejjem ser tibqa' intitolata ghas-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien u dejjem jibqala' d-dritt li tistabbilixxi il-konsistenza ta' dawk l-assi u tissalvagwarda l-interessi taghha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli ghaliha fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tielet, r-raba u l-hames aggravji, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravju precedenti, tissenjala li taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li tqis bhala mhux valida l-konsiderazzjoni li bl-ordni tal-waqfien l-attrici ser tigi imcahhda mis-sehem taghha mill-introjtu tal-konvenut wara l-ghoti tal-ordni minkejja li, skond hi, t-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lill-konvenut. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet.*

*Inoltre, ma jirrizultax li l-attrici hija nieqsa mill-affarijiet essenzjali ghall-ghejxien taghha f' liema kaz hija dejjem ghandha dritt titlob rimedju f' forma ta' awment fil-manteniment taghha mill-ewwel Qorti.*

*Ukoll, jirrizulta ammess mill-istess attrici li l-gid kollu li ghandhom il-partijiet sa issa kien gie kollu generat mill-konvenut u ghalhekk mhux il-kaz li bil-waqfien tal-kommunjoni l-attrici ser titlef dak li hi kienet ikkontribwiet ghalih b' xogholha, bhal per ezempju jkun il-kaz fejn parti tkun ikkontribwiet sostanzjalment bil-hidma taghha ghan-negozju tal-parti l-ohra li tkun ser tkompli tarrikkixxi ruhha bil-gestjoni tan-negozju wara li waqfien tal-kommunjoni. Il-kontribut tal-attrici fil-kaz odjern jidher li hu dak li hi kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja, inkluz lill-konvenut, u bl-*

*ordni tal-waqfien ix-xoghol li kienet ghamlet id-dar xorta ghad jista' jinghata valur ekonomiku u jigi kwantifikat mill-Qorti fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati.*

*Rigward is-sitt aggravju, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, tirribadixxi li l-ordni tal-waqfien tirreferi ghall-futur, u ghalhekk il-fatt li matul il-proceduri l-attrici saret taf li l-konvenut kellu kontijiet bankarji li ma kinitx taf bihom qabel, huwa irrelevanti ghall-vertenza in dizamina. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat."*

Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet Lowell Borg Desiree vs Lowell Michael, deciza fit-30 ta' Ottubru, 2015, dik il-Qorti qalet:

*"…il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."*

Fi kliem iehor, il-Qorti fehmet b'dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jghodd mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Dak li gia' jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti minnu sakemm tinghata s-sentenza finali, fejn l-assi jigu divizi bejn il-partijiet. Ghalhekk, b'din is-sentenza, qieghed jigri biss li l-komunjoni tigi kristallizzata u preservata sa ma tigi diviza. Tant hu hekk, li jekk jirrisulta li xi parti minna giet trasferita lil terz, jew xi proprjeta' giet mohbija mill-parti l-ohra, jibghu r-rimedji skond il-ligi a favur ta' dik il-parti li skopriet tali nuqqas. Il-waqfien tal-

komunjoni, ghalhekk, mhuwiex intenzjonat li johloq zvantagg jew, fi kliem il-Qorti, pregudizzju mhux proporzjonat lil wahda mill-partijiet, sakemm ma jissusistux elementi li jwasslu ghal tali pregudizzju. Fil-kaz odjern, l-attrici tidher preokkupata bl-amministrazzjoni tal-assi u tad-djun imwettaq mill-konvenut li jifformaw parti mill-komunjoni, peress illi, skond hi, ghadha sallum ma tafx ezatt x'inhu l-kwadru korrett tal-konsistenza tal-komunjoni. Anke jekk huwa hekk, dan il-fatt wahdu ma jzommx il-Qorti milli tordna t-twaqqif tal-konunjoni. Anke wara l-ghoti ta' din is-sentenza, il-Qorti ser tkompli tisma' l-provi tal-partijiet, anke dwar l-istess komunjoni, u ser tibqa' tinbena l-istampa dwar l-istess komunjoni.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor Anthony Vella** **Cettina Gauci-Dep Reg**
**Imhallef**